# IL-POEŻIJA TIEGĦI

*Ta'* Ġużè Chetcuti

Inħoss waqtiet ġo qalbi l-Poeżija
Trid timraħ, togħla w tgħix f'saltna ta' dwal,
Imma, magħsur kif jien fl-għawġ u t-tbatija,
Imut fi ħsiebi l-ġmiel ta' l-ideal.

Il-qalb kieku tixtieq terġa' qawwija
Timtela' kollha ħajja, ħeġġa w nar,
Imma kull darba tħoss Forza Moħbija
Tagħfasha 'l isfel f'morsa ta' l-azzar.

Fuq rasi ta' kuljum nara jitlajja
— U m'hemmx li jgħaddi — is-sħab kulur irmiedi,
Is-sħab tal-hemm, donnu jrid jibqa' miegħi.

Iżda ninsa l-uġigħ u s-swat ta'-ħajja
Xħin nilmaħ imgħannqin fl-irqad 'l uliedi,
L-iprem u l-isbaħ poeżija tiegħi.